MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 142/2010

**A B bhala kuratrici ta’ binha minuri C D**

**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno gew mahtura Kuraturi deputati skond digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 18 ta’ Mejju 2010 u dan sabiex jirraprezentaw lil assenti E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet isseparaw bonarjament, b’kuntratt ta’ separazzjoni awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u ppubblikat fid-19 ta’ Novembru 2004 (kopja annessa Dok. PX 1).

Illi l-intimat obbliga ruhu illi jhallas il-manteniment ghal ibnu minuri hekk kif stabbilit fi klawsola 11 tal-kuntratt imsemmi (kopja annessa Dok. PX 2), bir-rata ta’ €186.34 (Lm80), fix-xahar liema rata ghandha tiggedded kull tlett snin skond l-gholi tal-hajja.

Illi l-intimat ilu xi zmien illi mar jabita fl-Awstralja, f’indirizz mhux maghruf mir-rikorrenti, u anke ghalhekk biddel l-impjieg tieghu.

Illi minn mindu siefer, cirka Dicembru tas-sena 2008, l-intimat waqaf ihallas il-manteniment dovut ghal ibnu minuri lil esponenti.

Illi ukoll minn mindu siefer, u ghalhekk anke biddel l-impjieg, l-intimat qatt ma ta rendikont ta’ kemm hija l-paga mensili tieghu, u ghalhekk l-ammont korrett ta’ manteniment dovut mhux maghruf.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tordna lill-intimat jiddikjara l-paga mensili tieghu minn mindu mar jahdem fl-Awstralja.

Tordna lill-intimat ihallas dawk l-ammonti li huma dovuti bhala arretrati mill-manteniment ghal ibnu minuri.

Tistabbilixxi l-ammonti ta’ manteniment skond ir-rata mensili l-gdida.

Tiehu dawk il-provvedimenti necessarji u opportuni li jidhrilha xieraq, kontra l-intimat, u dana taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet datat 18 ta’ Mejju 2010 li bih gew mahtura Dr. Martin Fenech u l-P.L. Louisa Tufigno bhala kuratrici deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti E D.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Dr. Martin Fenech et fejn dawn eccepew:

Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u jisthoqqilhom li jigu milqugha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tordna lil E D jghaddi lil A B ghal binha minuri C, is-somma ta’ tlett mitt Ewro (€300) kull erba’ gimghat, b’effett mil-lum, b’dana illi dan l-ammont jizdied kull sena b’ghaxar Ewro (€10) kull erba’ gimghat. Il-Qorti tordna ukoll lil E D jghaddi lil A B s-somma ta’ hamest elef hames mija u disghin Ewro (€5,590), ekwivalenti ghal elfejn u erba’ mitt Liri Maltin (Lm2,400), rapprezentanti arretrati ta’ manteniment minnu dovut.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn E D b’dana illi provvisorjament l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu minn A B.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------